MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 491/2010

**Gilbert Gauci 79587M**

**vs**

**Alan Fenech ID 524179M u Denise Seguna ID 248380M u skond verbal tat-22 ta' Settembru 2011 giet kjamata in kawza Mary Doris Agius mill-attur Gilbert Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' April 2010, fejn intalab li l-konventi jigu kkundannati jhallsu in solidum bejniethom lill-attur is-somma ta' tlett elef, hames mija wiehed u sebghin Euro (€3,571.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Wara li ra l-verbal tat-2 ta' Novembru 2010 fejn gie ndikat li l-ammont jigi ridott ghal tlett elef, erba mija, erbgha u disghin Ewro (€3,494.00)

Billi fis-seduta tad-9 ta Ottubru 2014 l-attur ceda l-kawza fil-konfront ta Alan Fenech u Denise Seguna.

Billi ghalkemm notifikata regolarment,il-kjamata in kawza Mary Doris Agius naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna il-kjamata in kawza Mary Doris Agius thallas lill-attur s-somma ta' tlett elef, erba mija, erbgha u disghin Ewro (€3,494.00), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------